# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tat-2 ta' Ottubru 2001**

Avviz numru 29/01

Mobisle Communications Limited

-vs-

Joseph Mark Mercieca

Il-Qorti;

Rat l-avvizipprezentata fil-15 ta' Gunju 2001 fejn is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti biex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm661.93) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi mill-istess Mobisle Communications Limited bejn ix-xhur ta' Dicembru 2000 u April 2001 u dana in segwitu ta' u skond Client Contract Number 1151 in relazzjoni man-numru telefoniku cellulari 79446833 ta' l-istess socjeta', liema kuntratt huwa iffirmat mill-konvenut stess.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' April 2001 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenut b'dan l-avviz, kif ukoll bl-appuntament tas-smiegh ta' din il-kawza li ggib id-data tat-22 ta' Gunju 2001, illi naqas illi jattendi ghas-seduta tal-lum, ghal-liema data kienet giet appuntata din il-kawza u naqas ukoll illi jikkontesta t-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ukoll illi l-ammont ghadu sal-lum dovut fl-intier tieghu.

Il-Qorti;

Peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sitt mija wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm661.93) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lill-istess socjeta'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' April 2001 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur